MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru. 70/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Mariella Bugeja ta' 32 sena, bint Anthony Bugeja u Rose nee` Borg, imwielda l-Pieta` fis-26 ta' Gunju 1976 u toqghod f'Nru 3, 'Rose Flats' Triq l-Iskola, Msida detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 00317176M.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Mariella Bugeja u cioe` talli nhar it-28 ta' Dicembru, 2008, ghal habta tal-10.15pm fl-Imsida, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Victor Navarro (I.D. Card No. 0166265M), u dan kif hekk gie iccertifikat minn Dr. Jason Debono M.D. (Med. Reg. 2781). Dan bi ksur tal-Artikoli 216(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet kontra l-istess Victor Navarro sabiex tingurjah, iddejqu jew taghmel hsara lil din il-persuna u aktar ghamlitlu ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kienet ipprovokata, ingurjatha b'mod li johrog barra mil-limit tal-provokazzjoni (Art 339 d u Art 229 c).

Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338 dd);

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darbet jew sawtet, heddet bil-gebel, jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddbithom jew qabdet armi ohra, kontra n-nies. (Art. 339b);

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi,

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dinil-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghat-tielet u r-raba akkuza liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghat zmien xieraq lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-provi migjuba llum seduta stante u fid-dawl tal-verbal maghmul mill-partijiet, il-Qorti tiddikjara illi l-imputata tista tinstab hatja biss illi ikkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-vittma Victor Navarro. Illi madanakollu l-parte leza llum irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata ghar-rigward ta' dan ir-reat, kif ukoll ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha;

Illi l-imputata ammettiet it-tielet u r-raba akkuza liema akkuzi huma ta' natura kontravenzjonali;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni dak hawn fuq imsemmi;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221, 338(dd) u 339(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi tiddikjara l-procediment ezawrit ghar-rigward tar-reat ta' l-offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victor Navarro u ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni, fuq ammissijoni issib lill-imputata hatja tat-tielet u r-raba akkuza u tikkundanna ghal reprenzjoni u ammonizzjoni.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed torbot lill-imputata b'obbligazzjoni taht penali ta' hamest elef euro (€5,000) fil-konfront ta' Victor Navarro u l-membri kollha tal-familja tieghu u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------